MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 111/2013

**Comm Lifts and Serv Ltd (C-18080)**

**vs**

**Louis Buhagiar, Angele Falzon, Kristen Buhagiar ilkoll ezercitanti l-kummerc bl-isem ta' Casa Serena kif ukoll Caring First Limited (C-28125) jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' April 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€10,781.82) dovuta ghal servizzi rezi kif ukoll ghal xoghol ezegwit u ghall-abbonament ma' service contract.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Bl-ispejjez ukoll tal-mandat ta' sekwestru 835/13 u tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 166A tal-Kap 12 tas-7 ta' Mejju 2012.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Louis Buhagiar, Angele Falzon u Kristen Buhagiar li giet prezentata fit-22 ta' Mejju 2013 fejn eccepew:

1. *"Illi preliminarjament l-intimati Louis Buhagiar, Angele Falzon u Kristen Buhagiar f'isimhom proprio qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk m'humiex il-legittimi kuntradditturi f'dina l-kawza u ghandhom jigu mehlusa minnufih mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi fil-ligi."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Caring First Limited li giet prezentata fit-22 ta' Mejju 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi ma tezisti l-ebda socjeta' bl-isem ta' "Care Services Limited" u dana stante li l-isem tas-socjeta' gie mibdul fit-tnax (12) ta' April 2013 u llum hija maghrufa bhala "Caring First Limited" u ghalhekk ghandha ssir id-debita korezzjoni fl-okkju tal-kawza;*
2. *Illi fil-mertu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dana peress illi s-socjeta' intimata dejjem hallset ghas-servizzi tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk m'ghandha thallas l-ebda somma lis-socjeta' attrici;*
3. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija debitrici tas-socjeta' intimata fis-somma ta' elf, disa' mija sitta u sebghin ewro (€1,976) u dana skont sentenza deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata l-1 ta' Novembru 2010 (Talba Nru. 1276/2010) imressqa mis-socjeta' Care Services Limited, illum maghrufa bhala Caring First Limited, kontra s-socjeta' attrici, liema somma gahdha ma gietx imhallsa mis-socjeta' attrici sal-lum.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi."*

**Victor Camilleri** xehed fit-18 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici Comm Lifts and Serv Limited. Huwa esebixxa kuntratt tal-*maintenance* li huwa datat 10 ta' Mejju 2002 rigward zewg *lifts* li hemm installati gewwa Casa Serena, il-Qawra, San Pawl il-Bahar. Jiftakar li kien halla dan il-kuntratt mal-manager ta' Casa Serena u wara xi hmistax il-jum kien ircieva l-pagament relattiv u l-kuntratt iffirmat. Huwa ma rax min iffirma salib u l-firma l-ohra ma jistax jarghafha ghan-nom ta' Casa Serena. Fuq in-naha l-ohra fejn hemm Commercial Lifts and Serv Limited, dik

hija l-firma tieghu. Dan id-dokument gie prezentat u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z.

Ix-xhud spjega li huwa dejjem kellu kuntatt mal-manager ta’ Casa Serena certu Henry St John li llum il-gurnata miet. Louis Buhagiar kellem lix-xhud diversi drabi u anke t-tifla tieghu Angele meta taghtu l-pagamenti fuq affarijiet ohrajn kellmitu. Huwa tenna li meta kien jithallas ghall-*maintenance* li kien jaghmel fuq dawn il-liftijiet, ic-cekk li kien jircievi kien intestat Casa Serena, Account Casa Serena u ma jidhirlux li kien hemm account ta’ xi kumpanija ohra. L-invoices taghhom kienu johorguhom The Directors, Casa Serena.

Ix-xhud esebixxa numru ta’ dokumenti li huma l-invoices li huma baghtu u maghhom hemm ukoll l-ircevuti relattivi li gew iffirmati mir-*receptionist* ta’ Casa Serena. Dawn id-dokumenti gew immarkati mill-Qorti minn dokument Z1 sa Z42. Mistoqsi jekk qattx gie mgharraf kif kellu jintesta dawn l-invoices qal li le u qal li kien ghalhekk li huwa kien jibghathom bhala The Directors Casa Serena. Spjega wkoll li uhud minn dawn l-ircevuti huma ffirmati kemm mir-receptionist kif ukoll mill-handyman u dan ghaliex meta kienu jmorru fuq il-post kienu jmorru ghandhom sabiex jaghtuhom ic-cavetta tal-lift u wara li jlestu x-xoghol kienu jergghu jirritornaw ic-cavetta.

Huwa spjega li l-*inspections* taghhom jew tiswijiet li kienu jaghmlu kienu jmorru fuq il-post f’kull gurnata, inkluz is-sibt filghaxija, lejliet il-Milied u granet simili. In segwitu l-*manager* ta’ Casa Serena inbidel u dahal Mr Grech u kienu rcevew telefonata biex hemmhekk ma jergghux jersqu, u fil-kuntratt hemm klawsola li dan il-kuntratt kien qieghed jigi *renewed* awtomatikament ghal perjodu sussugwenti ta’ sentejn salv jekk qabel jew il-kumpanija attrici jew il-

kumpanija konvenuta stess tlett xhur qabel l-gheluq ta' dan il-kuntratt tinforma l-parti l-ohra u dan permezz ta' ittra registrata. Il-kuntratt in kwistjoni ghalaq f'Mejju u huma rcevew telefonata f'Gunju biex ma jersqux aktar 'l hemm pero' xtaq jghid li ma rcevew l-ebda hlas tal-kont li kien ghad ghandhom pendenti. Il-kuntratt in kwistjoni pero' qatt ma gie kancellat.

Ix-xhud iddikjara li l-klijent kellu jgib inspector darba kull sitt xhur. Effettivament huma gabuh darba, tahom lista ta' affarijiet li kellhom isiru u dan sabiex jigu *up to date*. Parti minnhom saru mis-socjeta' tax-xhud stess u parti minnhom saru mill-handyman ta' Casa Serena. Pero' minn dakinhar 'l hawn ma jafx aktar x'gara. Ix-xhud sostna li l-inginier li ghamel ix-xoghol ukoll ma giex imhallas u filfatt ta kopja lilhom biss u qal li kieku ma kellhomx dan ir-rapport kieku kienu jissigillaw l-uzu tal-lifts. Id-dokumenti li esebixxa x-xhud Dok. Z1 sa Z42 huma kollha pendenti u jammontaw ghall-ammont mitlub fir-rikors promotur.

Huwa spjega li kien hemm bicca *spare part* fuq lift kellha tinbidel li huwa l-mutur tal-bibien minhabba sigurta' peress li kien jaghti daqqa kbira lill-bieb u peress li din hija dar ghall-anzjani kien perikoluz. Huma ghamlu l-ewwel wiehed u talbu pagament ghal materjal ta' €1,800 u dan minghajr twahhil ta' xejn u dan hallsu. Dan gie mhallas minn Casa Serena. Huma waslu ghat-tieni lift u qallu biex jaghtihom cekk, tahom cekk u qalilhom li qabel ma jaghtuh il-kontijiet li hemm pendenti huwa ma kienx lest li jaghmel xoghol u zammu akkont u ghalhekk in segwitu kien ircieva ittra ufficjali f'isem is-socjeta' Care Services Limited u rcieva wkoll mandat personali. Dan l-ammont ta' €1,800 li x-xhud zamm akkont irid jitnaqqas mill-ammont mitlub fir-rikors promotur. Ix-xhud ircieva l-ittra ufficjali minghand is-socjeta' Care Services kemm f'ismu u

kif ukoll f'isem il-kumpanija u hu dehrlu li kellu jaghmel l-istess. L-ewwel darba li sar jaf bl-isem din il-kumpanija kien meta ircieva l-mandat minn ghandhom. Sussegwentement huwa mar ghand l-avukat u ghamel din il-kawza sabiex jigbor dak li huwa tieghu u jhallas dak li ghandu jaghti.

**Victor Camilleri** xehed in kontro-ezami fit-2 ta' April 2014 fejn iddikjara li s-somma mitluba minnu fir-rikors promotur fl-ammont ta' ghaxart elef seba' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€10,781.82) tirrapprezenta l-invoices kollha li hemm ezebiti fl-atti. Mistoqsi jekk l-ammont li ghandu jaghti lil Dr Louis Buhagiar u l-kumpanija tieghu tnaqqsitx minn din is-somma wiegeb li ma tnaqsitx minkejja li hemm sentenza diga' deciza. Mistoqsi ghaliex huwa ma hallasx dan l-ammont wiegeb li peress li ghandu jiehu somma akbar minn ghandu, ix-xhud zamm din is-somma. Pero' huwa jirrikonoxxi li ghandu jhallas din is-somma. Huwa stqarr li f'dik il-kawza kien kontumaci u ghalhekk ma ddefendihiex.

Mistoqsi jekk qattx kienx prezenti meta saru xi xoghlijiet wiegeb li iva gieli kien prezenti skont il-hinijiet li kien isir ix-xoghol. Bhala prassi qal li meta kien isir ix-xoghol l-invoices kienu jigu ffirmati daqqa mill-manager, daqqa mill-maintenance man u daqqa mir-reception u dan ghax meta kienu jidhlu kienu jitolbu c-cavetta tal-lift minghand ir-reception, jistaqsuha jekk kienx hemm il-*maintenance man* ghax meta kien hemm il-*maintenance man* tieghu dan kien jigi jifthilha hu. Pero' filghaxijiet u f'jiem ohrajn bhall-Milied, lejliet il-Milied u f'xi festi hekk, il-*maintenance man* ma kienx ikun hemmhekk u ghalhekk kienu jigbru c-cavetta minghand ir-*reception*. Huma wara kienu jirritornaw ic-cavetta u jghidulha biex tiffirma c-*chit*. Huwa stqarr illi jista' jkun li whud mic-*chits* ma humiex iffirmati ghax kien hemm nies fir-reception li kienu ghadhom kif bdew

ix-xoghol u kienu jghidulhom li ma kellhomx l-awtorita' biex jiffirmaw. Ix-xhud tenna li kien hemm kazi fejn l-ghada li huwa kien jaghmel ix-xoghol kien imur fir-*reception* u jistaqsi ghad-direttrici Angele Buhagiar sabiex thallsu.

Ix-xhud tenna li huwa mhux qed jitlob ghal dawk l-invoices li diga' thallas taghhom. Filfatt l-invoices li kienu dovuti qabel dawn mertu tal-kawza huma kollha mhallsa. Huwa gieli kien imur jistenna xi saghtejn u jhallsu u jaghtuh cekk. Huwa stqarr pero' illi qatt ma thallas in full u dejjem kien ikun hemm xi bilanc. Mistoqsi ghaliex dam sabiex jintavola t-talba tieghu, wiegeb li ibnu kien marad bil-kliewi u kien taht il-kura tal-konvenut Dr Louis Buhagiar u ghalhekk ma riedx jirrita lill-konvenut. Filfatt huwa ma ddefendiex it-talba tal-konvenut ghax jaf li filfatt kellu jaghtihomlu. Pero' fl-ahhar huwa kellu jiehu passi ghax l-affarijiet zvolgew b'mod differenti.

Huwa spjega li meta kien iffirma l-kuntratt esebit fl-atti a fol 11 huwa kien hallieh fil-post u gabru xi xahar jew xahar u nofs wara. Allura l-persuna li ffirmatlu l-kuntratt ma ffirmatux fil-prezenza tieghu u ghalhekk ma jafx min hi. Pero' jaf li l-ftehim in kwistjoni kien provdieh hu u ghamel *rules contract* regolari. Ix-xhud spjega li s-servizz tieghu kien tah abbazi ta' dan il-kuntratt u kieku ma accettax dan il-kuntratt huwa ma kienx imur jaghti servizz fil-granet ta' Hdud u festi. Filfatt kien hemm snin li hallsu abbazi ta' dan l-istess kuntratt. Ix-xhud sahansitra kien anke gab l-inginiera tal-Gvern sabiex jiccertifikaw il-*lifts* in kwistjoni. Il-kuntratt in kwistjoni huwa kien gabru mill-ufficju ta' Henry St John u ma staqsiehx min kien iffirmah.

In ri-ezami x-xhud gie mistoqsi jekk kienx hemm *subscription* pendenti fit-talba tieghu u wiegeb li iva hemm. Filfatt hemm kundizzjoni li sabiex dan il-kuntratt

jigi terminat is-socjeta' konvenuta kellhom jinfurmawhom permezz ta' ittra registrata tliet xhur qabel. Pero' din il-procedura ma gratx. Jekk mhux sejjer zball, skond ix-xhud dan il-kuntratt ghalaq f'April u baqghu ghaddejin bix-xoghol sa Gunju. Sussegwentement kien cemplilhom il-manager il-gdid certu Mr Grech u qalilhom li kienu sabu lil haddiehor u biex ma jmorrux aktar. Huwa stqarr illi bl-amment ma jistax jghid liema huma dawk is-subscriptions li thallsu. Mistoqsi jekk sakemm gabru dan il-kuntratt ghamlux xi xoghlijiet wiegeb li iva kienu ghamlu xi xoghlijiet. Huwa jiftakar li Mr St John kien qallu biex ma jikkonfondi xejn u li kien ser jigi ffirmat il-kuntratt.

**Claudio Camilleri** xehed fit-22 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa kien impjegat mas-socjeta' attrici u jiftakar li huwa kien imur jaghmel kull xoghol in konnessjoni mal-lifts u b'dan ifisser xoghol tekniku. Mistoqsi jekk qattx mar jiccekja l-lifts installati gewwa Casa Serena wiegeb li effettivament mar fis-sens li kien imur jirranga l-hsarat li kien ikun hemm, jaghmel alterazzjonijiet, jaghtihom is-service u jaghmel it-testing fuqhom ukoll. Kull haga li kellhom bzonn dawn il-liftijiet kien jiehu hsiebha hu. Ix-xhud tenna li gieli mar fil-bini ta' Serena Home f'diversi okkazjonijiet u gieli f'inqas, skont ma kemm kien ikun hemm nies residenti fil-Home. Huwa stqarr li l-bzonn kien jitqajjem skont l-uzu li kienu jaghmlu minn dawn l-istess lifts.

Ix-xhud tenna li appena tidhol f'Casa Serena kien ikun hemm bzonn li tmur fir-reception biex titlobhom ic-cwievet, altrimenti ma tkunx tista' tidhol fil-kamra tal-lifts sabiex issewwihom. Sussegwentament ix-xhud spjega li wara li tottjeni c-cwievet tmur biex issewwi l-hsara li jkun hemm rappurtat, pero' meta jkun hemm affarijiet kbar kien ikun hemm bzonn li tkellem il-manager ghax hekk kienet il-procedura. Tlett kwarti mid-drabi li inti tmur, l-ewwel haga li jsir huwa

li jibghat ghalik il-manager u mbaghad taghmel it-tiswija, tmur ghand il-manager u tispjegalu dak li effettivament ikun gara u jiffirmalek ic-chit tar-repair jew tas-service skont xi tkun ghamilt. Huwa tenna li l-manager mhux dejjem kien ikun hemm u ghalhekk meta ma jkunx qieghed hemm kien jiffirma wiehed jismu Frans li kien il-handyman ta' hemmhekk jew ir-receptionist. Ix-xhud qal li naturalment dejjem trid tirritorna c-cwievet qabel ma tohrog.

Ix-xhud gie muri d-dokumenti esebiti f'dawn l-atti li jinsabu nseriti fl-atti minn fol 15 sa fol 97. Huwa spjega li d-dokument l-isfar li hemm hija simili ghad-dokument abjad li huwa jghaddi lilhom u ghalhekk din tigi duplicate. Per ezempju fl-ewwel wahda li tinsab inserita fol 15 hemm reset, heating u overload jigifieri dak ikun ghax sahan il-lift ghax ikun uzat hafna jew ghax ikun mghobbi zzejjed. A fol 16 hemm ukoll invoice u tfisser li huma biddlu xi parts fil-lift. Fl-ewwel tnejn huwa jaf li ma hemmx firma ghax ix-xoghol ikun sar is-Sibt u ma jkun hemm hadd biex jiffirma. Il-managers u mpjegati ohrajn ma jkunux hemm fil-weekend. Bhala ezempju, fit-tielet wahda u cioe' dik a fol 16 hemm il-firma tar-receptionist u anke a fol 18 u fol 20 hemm il-firma tar-receptionist. Meta x-xoghol kien isir matul il-gimgha kien ikun hemm il-firma ta' xi mpjegat waqt li meta x-xoghol kien isir fil-weekend gieli ma kienx ikun hemm firma fuq l-invoice.

Huwa ddikjara li ilu jahdem mas-socjeta' attrici minn 1993 fuq kwistjonijiet ta' lifts. Illum il-gurnata pero' ma ghadux jahdem maghhom full time. Tenna li mill-ewwel darba li huwa mar Casa Serena jahseb li ghaddew aktar minn hames snin pero' mhux cert dwar dan. Filfatt ilu ma jmur hemmhekk xi sentejn jew tlieta. Mistoqsi jekk kienx hu biss li jaghmel is-servicing gewwa Casa Serena wiegeb li le ghax kien ikun hemm kollegi ohrajn tieghu.

**Dr Louis Buhagiar** xehed fit-2 ta' April, 2014 fejn iddikjara li huwa ma jokkupax il-kariga ta' direttur jew ta' manager tas-socjeta' Casa Serena u lanqas ta' Care Services Limited. Pero' huwa shareholder f'kumpanija ohra li fost il-proprjetajiet li ghandha, ghandha wkoll shares fil-kumpanija Care Services Limited. Huwa spjega li Casa Serena hija l-home tal-anzjani li tigi operata mis-socjeta' Care Services Limited u llum il-gurnata hija msejha bhala Caring First. Il-konvenut iddikjara li fil-vesti tieghu personalment huwa m'ghandu x'jaqsam xejn ma' Casa Serena. Huwa pero' kien jaccedi fil-post sabiex jara x'kien ghaddej.

Il-konvenut jaf li l-lift in kwistjoni xi kultant kien jigrilu l-hsara u jaf li s-socjeta' Caring First kellha kuntratt ma' Comm Lifts sabiex jiehdu hsieb l-operat ta' dawn il-lifts. Is-socjeta' attrici kienet ilha numru ta' snin taghmel dan ix-xoghol u ghalkemm ma jiftakarx ezatt meta kienu bdew jaf li kienu bdew meta kien hemm manager iehor certu Henry St John. Sussegwentament dan kien miet u gie sostitwit minn manager iehor certu Mr Grech. Huwa tenna li effettivament dawn il-lifts in kwistjoni kien jigrilhom hsara b'mod regolari u ftit granet jew gimghat wara li suppost kienu jigu trangati kien jerga' jkollhom il-hsara. Il-konvenut stqarr li minn mindu dawn il-lifts m'ghadhomx taht il-kura tas-socjeta' attrici u qabbdu servizz ta' kumpanija ohra, dawn ma kellhomx aktar hsara.

Huwa qal li kull darba li kienet issir il-hsara u dawn il-lifts kienu jigu trangati, huwa kien isib lis-Sur Camilleri jistenna fil-bieb ta' barra ghal sighat shah sabiex jithallas. Meta kienet tidhol it-tifla tax-xhud, Angele, li hija d-direttur tas-socjeta' Caring First u ghalhekk tista' tiffirma ghac-cekkijiet f'isem il-kumpanija,

din kienet taghmillu c-cekk u thallsu komplet u ghalhekk sa fejn jaf hu ma kien hemm l-ebda kont pendenti. Pero' gara li xi tlett snin ilu, grat xi hsara fil-lift u s-Sur Camilleri kien qalilhom li kien hemm bzonn li jinbidel xi bieb u naturalment huma qalulu li jekk kien hemm bzonn li jinbidel il-bieb, dan il-bieb kellu jinbidel. Hawnhekk huwa kien talabhom sabiex jithallas minn qabel. Huma tawh il-flus pero' x-xoghol in kwistjoni ta' tibdil tal-bieb ma sarx. Dan il-bieb baqa' qatt ma wasal. Wara li ghaddew xhur u snin din il-problema probabbilment giet rimedjata b'xi kwistjoni ulterjuri. Huma kienu tawh is-somma ta' circa €1,900 tal-bieb. F'mument minnhom huwa kien cempel lil Victor Camilleri u talbu sabiex johdilhom il-bieb tal-lift u qallu li jekk ma setghax jiehu l-bieb, talbu biex jirrifondilhom il-flus. Filfatt la gie bil-bieb u lanqas bil-flus. Ghalhekk huma ddecidew li jbiddlu l-kumpanija u ghamlu kawza l-Qorti sabiex jiehdu rifuzjoni ta' dawn il-flejjes. Filfatt Mr Camilleri ma kkontestax it-talba taghhom u filfatt qatt ma qal li ma kellux jaghtihom lura dawn il-flus. Dakinhar is-sur Camilleri lanqas ma qalilhom li huma kellhom jaghtuh xi flus.

Ftit wara li kienet giet deciza l-kawza u kienu ghamlu mandat ta' sekwestru, ircevew partita karti u invoices u talba ghas-somma kbira ta' flus li huma ma kienux jafu dwarha. Fosthom huwa pprezenta kopja ta' dan il-kuntratt u peress li huwa ma tantx ikun ta' spiss fuq il-post, huwa pprova jindaga min iffirma dan il-kuntratt u sar jaf li l-firma fuq dan il-kuntratt ma tappartjeni lil hadd li jafu huma. Huwa sostna li skont l-Articles of Association tal-kumpanija, hija Angele Falzon li suppost tiffirma ghal kull haga li torbot il-kumpanija. Il-konvenut iddikjara li din il-firma mhux ta' Angele jew ta' shareholders antecedenti u lanqas ma hija l-firma ta' Henry St John u ghalhekk ghadu sallum ma jafx ta' min hi.

Il-konvenut ikkonferma li hu kien jiehu hsieb il-kura tat-tifel tas-Sur Victor Camilleri pero' dak iz-zmien ma kien semmielu xejn lit-tifel dwar din il-kwistjoni li kellu ma' missieru. Huwa spjega li l-kundizzjoni tas-sahha tas-Sur Camilleri hija wahda kronika u ma tantx hemm kura ghaliha u jista' jaghti l-kaz li jibqa' sejjer lura. Meta huwa ra li s-sur Camilleri kien qed jallega li huwa kellu jaghtih meta effettivament ma ghandux jaghtih u kien qed johodlu kuntratti fejn il-firma taghhom ma setghax jirrikonoxxiha u fuq bazi taghhom kien qed jaghmel il-*claims*, huwa beza' li seta' jaghmillu xi rikjesti bla sens u jistghu jpogguh f'pozizzjoni difficli fil-kura ta' ibnu. Il-konvenut stqarr li kien spjegalu dak li kien qed jahseb hu. Ghalhekk talbu sabiex ifittex konsulent iehor biex jiehu hsieb il-kura ta' ibnu. In segwitu huwa rcieva diversi telefonati fejn in-nies allegaw li s-Sur Camilleri kien ghamel l-istess haga lilhom u kien talabhom hlas ghal xi affarijiet li kellhom isiru u sussegwentament l-affarijiet ma nghatawx lilhom.

In kontro-ezami l-konvenut gie mistoqsi jekk setghax kien il-kaz li huma hallsu xi subscriptions abbazi ta' dan il-kuntratt esebit fl-atti u stqarr li jista' jkun li l-manager fil-fatt hallashom. Huwa ddikjara li kull talba li ghamel is-Sur Camilleri huma dejjem hallsuha, anzi kien imur hu u jibqa' jistenna sakemm jithallas. Filfatt il-konvenut kien staqsa lill-manager jekk is-Sur Camilleri kienx qed jistenna l-hlas taghhom sabiex jghix.

Il-konvenut iddikjara li huwa kien involut fl-attivitajiet ta' Casa Serena sa mill-bidu nett. Fil-bidu l-proprjeta' in kwistjoni kienet tappartjeni lil Casa Serena Limited u l-*operating company* taghha kien Care Services Limited. Dawn iz-zewg kumpaniji kienu jappartjenu lil zewg kumpaniji ohrajn li huma North Lodge Holdings li kienet proprjeta' tieghu u tal-mara tieghu u Gaffarena Holdings u ghalhekk Joseph Gaffarena kien involut fiha. Pero' fis-sena 2008 ix-

shares ta' Joseph Gaffarena ta' Gaffarena Holdings inxtraw minn North Lodge Holdings. Illum il-gurnata North Lodge ghandha shares ta' Care Services Limited u ta' Casa Serena Limited. Pero' t-tifla tieghu Angele minn dejjem kienet topera bhala direttur f'din il-kumpanija u hija wkoll firmatarja. Huwa sostna li qatt ma kien firmatarju ta' xi bank account ta' xi kumpanija in kwistjoni. Ix-xhud saritlu referenza ghall-firma fejn hemm salib vicin taghha a fol 12 tal-atti. Mistoqsi jekk din il-firma setghetx kienet ta' Joe Gaffarena wiegeb li qed jeskludiha ghax is-Sur Gaffarena qatt ma kien firmatarju tad-dokumenti tal-kumpanija.

**Josiah Grech** xehed fl-14 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' manager tad-dar Casa Serena ghal dawn l-ahhar sitt snin. Din hija propjeta' ta' Caring First. Huwa spjega li l-lifts ta' din id-dar kien jiehu hsiebhom certu Victor Camilleri. Pero' qal li l-lifts installati f'din id-dar ikunu dejjem bil-hsara u effettivament kien icempillu u kien imur jirranga l-lifts pero' immedjatement wara l-lift kien jerga' jkun bil-hsara. Ix-xhud tenna li daqqa kien imur hu biex isewwi l-lift u gieli kien imur it-tifel tieghu. Huwa stqarr illi peress li huwa kien ghadu gdid f'din id-dar, kien talbu sabiex jaghtih kopja tal-ftehim li kien sar dwar is-servizz li kellu jipprovdi lill-istess dar. Dan sabiex ikun konxju tal-kundizzjonijiet li huwa kien marbut bihom maghhom, pero' dejjem kien jghidlu li ser jaghtih kopja ta' dan il-ftehim.

Ix-xhud tenna li wara hafna zmien, u cioe' xi sena u nofs jew sentejn kien ircieva e-mail minghand Victor Camilleri fejn kien hemm indikat speci ta' kondizzjonijiet b'zewg firem. Huwa kien gibed l-attenzjoni minnufih lil Victor ghax ma jafx ta' min kienu dawn il-firem. Ix-xhud gie muri dokument esebit f'dawn l-atti kuntratt li huwa mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z li jinsab

inserit fl-atti a fol 11 u 12, u qal li fil-fatt dan huwa d-dokument li kien gie mghoddi lilu. Huwa kkonferma li dawn huma z-zewg firem illi ma gharafx. Fil-fatt huwa kien infurmah lil Camilleri li kien ser jigbed l-attenzjoni tad-diretturi tieghu dwar dan il-kuntratt. Fil-fatt id-diretturi tax-xhud ikkonfermawlu li ma kellhom lil hadd b'dawn it-tip ta' firem.

Huwa jiftakar li fost it-tiswijiet li kellhom isiru f'dawn il-lifts darba minnhom sahansitra anke kellu jsir xi xoghol fil-bibien ta' dawn il-lifts. Hu kien qal lix-xhud li biex jaghmel din ir-riperazzjoni kellu bzonn ammont ta' flus. Ghalhekk huwa tahom quotation li huma accettaw u qalulu sabiex jibda x-xoghol. Huwa pero' ried il-flus minn qabel u qalulu li kienu lesti li jhallsuh ta' l-ewwel bieba, u fil-fatt ghaddewlu l-flus, gab il-bieba u nstallaha. Sussugwentament ix-xhud jaf li qallu li kellhom bzonn li jaghmlu x-xoghol fit-tieni bieba. Huwa sostna li dan beda l-hin kollu jcempillu ghall-flus, u ghalhekk lestielu c-cekk sabiex jghaddihulu u ftihem mieghu li jibdew ix-xoghol. Ghalkemm kienu mifthemin li x-xoghol kellu jibda f'data partikulari, dan ix-xoghol ma bediex, u baqa' jcempillu jumejn wara jumejn sabiex jigi jaghmel dan ix-xoghol u fid-daqqa u l-hin mar u qallu li kellu bilanc maghhom u kellu jiehu hafna flus u ghalhekk ma kienx lest li jaghmel dan ix-xoghol. Huwa sostna li kull kont li gie pprezentat lilu dejjem hallsu u ma jidhirlux li kien hemm xi kontijiet pendenti. Ix-xhud iddikjara li effettivament l-attur kien talbu biex ihallsu u kien jghidlu li kellu xi kontijiet pendenti mieghu wara li tqajjmet il-kwistjoni tat-tieni bieb.

Ix-xhud spjega li s-sistema kienet li Camilleri kien imur jaghmel is-*service* jew it-tiswija necessarja, sussugwentament jipprezenta l-kont u huwa jhallsu b'cekk. Iddikjara li sa l-ahhar tax-xahar ta' meta huwa kien ippresenta l-kont l-attur kien thallas. Mistoqsi meta effettivament spiccatx ir-relazzjoni tieghu mas-sur

Camilleri wiegeb li bl-ezatt su duo piedi ma jistax iwiegeb ghal din id-domanda pero’ jiftakar li huwa kien baghtlu ittra u kien tah notice ta’ xahar li ma kienux ser juzaw aktar is-servizzi tieghu. Ix-xhud qal li ser jaghmel ricerka biex jara jekk isibx kopja ta’ din l-ittra li effettivament kien baghat lis-sur Camilleri, pero’ jaf li s-sur Camilleri ghandu kopja zgur. Fil-fatt jaf li kien baghtlu email permezz tal-onvol u kien irceviha fuq l-onvol network tieghu, u sussegwentement is-sur Camilleri kien mar ikellmu dwar din l-email ukoll.

**Angele Falzon** xehdet fl-14 ta’ Mejju 2014 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta’ direttrici ta’ Caring First u sede taghha hija Dar Serena. Hija spjegat li l-attur kien jaghti servizz ta’ lifts lis-socjeta’ Caring First u sa fejn taf hi kull meta gew prezentati b’xi kontijiet huma dejjem hallsuhom permezz ta’ cekk. Hija sostniet li meta kellu xi kontijiet, kien imur bihom qabel l-ahhar tax-xahar u kien jistenniha hu personalment ghax tkun ghadha lanqas dahlet minn Casa Serena u kien ikellimha fuq il-kontijiet li jkollu pendenti. Hija kienet tghidlu li kienet ser tipprezenthom fl-ahhar tax-xahar kif kien jaf li din kienet il-procedura u hekk kienet taghmel, u qalet li kontijiet pendenti mieghu meta spiccaw minn dan is-servizz ma kienx baqalhom. Fil-fatt kellu jinstallalhom bieba li kienet diga thallset minn qabel, pero’ cio’ nonostante din il-bieba qatt ma giet installata. Hija kkonfermat li qabel ma nqalet din il-kwistjoni tat-tieni bieba ma tafx li effettivament l-attur kien kellimha fuq xi kontijiet li kienu ghadhom pendenti u mhux imhallsa.

Mistoqsija jekk hija tafx xi haga dwar il-ftehim li hemm esebit fl-atti a fol 11 u mmarkat bhala dokument Z, qalet li taf bih pero’ ma hemmx il-firma taghha fuqu u ma taf xejn dwaru. Hija kienet saret taf bih tramite Mr Josiah Grech meta huwa kien talab lil Victor Camilleri sabiex jaghtih kopja tal-ftehim li huwa

kellu maghhom u sussegwentament huwa kien ghaddielu email b'dan il-ftehim. Sussegwentament Mr Grech kien uriha dan il-ftehim. Ix-xhud rat il-ftehim esebit f'dawn l-atti a fol 11 tal-process u mmarkat bhala dokument Z u qalet li dan huwa l-istess ftehim li hija kienet giet murija. Mistoqsija jekk taghrafx il-firem fuq dan il-ftehim, wiegbet li le. Hija spjegat li ilha tokkupa din il-kariga mis-sena 2001. Illum il-gurnata huma ghadhom bl-istess lift u sussegwentament kienu biddlu l-kuntrattur. Ix-xhud iddikjarat li minkejja l-hsarat kollha li kien ikollhom fiz-zmien meta kien jaghtihom is-servizz l-attur, illum-il gurnata l-hsarat ma ghadhomx jinqalghu. Hija esebiet dokument li l-Qorti mmarkat bhala dokument PM u spjegat li din hija lista dwar il-pagamenti kollha li huma ghamlu fuq l-invoices li rcevew minghand is-socjeta' attrici.

Ix-xhud spjegat li d-dar in kwistjoni qabel kienet lukanda. Mistoqsija ghalhekk jekk hija kinitx fil-bidu nett involuta fis-servizz li kien qed jaghtihom l-attur, wiegbet li mhux certa jekk effettivament kienx jaghti servizz lil-lukanda. Hija ma taf lil hadd aktar li kien jaghti servizz ta' maintenance lil-liftijiet taghhom qabel ma fil-fatt beda maghhom is-sur Camilleri. Mid-dokument esebit minnha bhala dokument PM jirrizulta l-ispezzjonijiet li effettivament kienet taghmel is-socjeta' attrici f'dar Serena in konnessjoni mar-reparazzjoni fil-lifts.

**Angele Falzon** xehdet in kontro-ezami fil-25 ta' Gunju 2014 fejn ikkonfermat li hija ilha nvoluta fil-kumpanija mis-sena 2002. Giet murija sett ta' dokumenti li huma mmarkati bhala Dokument Z u spjegat li hemm il-*complimentary slip* tas-socjeta' li huwa jirraprezenta. Mistoqsija jekk hija taghrafx il-kalligrafija fuq dawn il-*complimentary slips* qalet li iva tahseb li hija ta' certu Henry St. John li kien jokkupa l-kariga ta' general manager. Hija giet murija tliet invoices ohrajn li huma mmarkati bhala Dokument X, X1 u X2. Sincerament qalet li ma tiftakarx

x’tip ta’ invoice kien jibghatilhom. Hija mhix f’pozizzjoni li tikkonferma jekk qattx rat jew hallsux dawn l-invoices pero’ f’kaz li hallsuhom huma jkollhom kopja taghhom u jkollha tivverifika mal-files taghhom. Hija kkonfermat li fis-seduta precedenti hija pprezentat lista ta’ hlasijiet li saru lis-socjeta’ attrici minn ghandhom. Ix-xhud giet mitluba sabiex tipprezenta tliet invoices li abbazi taghhom saru l-pagamenti u dawn huma dawk datati 13 ta’ Gunju 2005 fl-ammont ta’ tliet mija u erbgha u hamsin ewro (€354) liema hlas sar permezz ta’ cekk numru 1451, pagament iehor li sar fit-8 ta’ Gunju 2009 fl-ammont ta’ tliet mija u erbgha u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€374.66) li sar permezz ta’ cekk numru 6469 u l-ahhar invoice li tikkoncerna pagament li sar fil-5 ta’ Novembru 2007 fl-ammont ta’ tliet mija u sebgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€377.60) invoice number 4279. Hija promettiet li taghmel dan fis-seduta sussegwenti.

B’referenza ghad-dokument li gie msemmi fis-seduta precedenti u cioe’ dak li kellu jigi ezebit mix-xhud Josiah Grech, qalet illi l-account li kellu missier Grech kienet @onvol.net. Hija qalet illi xi zmien ilu huwa ma baqax abbonat mal-Onvol u ghalhekk minn informazzjoni li giet moghtija lilu m’ghandux access ghall-emails precedenti li kellu storjati fuq dan is-sit. Pero’ taf zgur illi Mr Camilleri kien irceviha u suppost li ghandu f’idejh kopja taghha u dan ghaliex tiftakar li kien mar l-ufficcju taghhom b’din l-email sabiex jiddiskutu l-mertu dwarha u l-kontenut f’dan l-email kien fis-sens li kienu sejrin jitterminawlu l-impjieg maghhom fis-sens li ma jkomplix jaghmel ix-xoghol u jaghtihom servizz. F’dan l-email inghata wkoll perjodu ta’ notice ta’ xahar.

**Angele Falzon** regghet xehdet fit-2 ta’ Lulju 2014 fejn esebiet numru ta’ invoices kif promettiet li taghmel fis-seduta precedenti u cioe’ l-invoices fejn

hija giet indikata c-cekkijiet li sar pagament taghhom. Dawn gew immarkati komplessivament bhala Dokument AF. Hija esebiet kopji ta' dawn l-invoices u ghaddiet kopja tal-istess lill-kontro-parti. Ix-xhud uriet ukoll lill-Qorti l-original ta' dawn l-istess invoices. B'referenza ghat-tielet cekk tas-sena elfejn u hamsa spjegat li l-invoice tieghu ma setghatx issibha. Hija esebiet pero' kopja tal-bank stub li kienet attaccjata mac-cekk li kien sar pagament dwaru. Dan gie mmarkat bhala Dokument FS7. Fis-seduta precedenti kienet ghamlet referenza ghal Mr Henry St John li kien il-general manager fejn fuq il-*complimentary slip* esebiti mill-attur hemm il-kitba tieghu u esebiet ittra fejn hemm il-firma ta' dan Henry St John biex tindika kif kienet il-firma tieghu. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument AF8. Dan ukoll isahhah il-fatt illi dwar il-ftehim li gie esebit mill-attur m'hemmx il-firma ta' Henry St John.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati Louis Buhagiar, Angele Falzon, Kristen Buhagiar u tas-socjeta' Caring First Limited li gietipprezentata fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn eccepew is-segwenti:

1. *"Illi huma qeghdin jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (a) u 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-talbiet attrici."*

**Victor Camilleri** xehed fit-13 ta' Jannar 2015 fejn iddikjara li qed jipprezenta ittra ufficjali datata 7 ta' Mejju 2012 liema ittra ufficjali huwa kien ipprezenta fil-konfront tal-konvenuti. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument IU.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 meta talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi in poche parole f'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghda titlob minghand il-konvenuti somma flus kif indikat fir-rikors promotur stess rapprezentanti bilanc ghal servizz rez lilhom minnha tul medda ta' zmien konsistenti f'xoghol ta' riparazzjoni fuq *lifts* installati fil-fond Casa Serena, f'San Pawl il-Bahar. Il-konvenuti jaghtu numru ta' eccezzjonijiet li din il-Qorti sejra titratta wiehed wiehed il-ghaliex huma m'ghandhomx ihallsu l-ammonti mitluba.

Fl-ewwel lok u in linea preliminari l-konvenuti Angele Falzon, Louis Buhagiar u Kristen Buhagiar jeccepixxu fil-vesti taghhom personali li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza u dan ghaliex huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ddikjaraw li l-fond Casa Serena fejn gie provdut is-servizz tas-socjeta' attrici huwa gestit minn socjeta' illum maghrufa bhala Caring First gja Care Services Limited.

Hu opportun f'dan il-kaz li din l-Qorti tirriproduci l-osservazzjoni rikapitulata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Lawrence Formosa et noe vs Silvo Felice'** li nghatat fis-6 ta' Ottubru 1999 fejn inghad li:

*'Jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet*

*qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvju, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'ismiha prorpju.'*

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li:

*"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**', deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu*

*jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu jwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael**', fejn inghad li:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li*

*qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi fil-kaz in dezamina jirrizulta bic-car li l-*invoices* li kienet tohrog is-socjeta' attrici (vide fol. 15 et seq) kienu intestati lid-Diretturi ta' Casa Serena. In oltre kif jirrizulta mill-*complimentary slips* esebiti fl-atti mis-socjeta' attrici stess a fol. 123, 128 u 138 hemm indikat li Casa Serena hija dar residenzjali ghall-anzjani bl-ufficcju registrat taghha fi Msida Valley, B'kara u allura dan jindika li fil-fatt hija operata minn socjeta' limitata li ghandha '*registered office*'. In oltre jirrizulta wkoll li Victor Camilleri li xehed fl-interess tas-socjeta' attrici kien jaf li s-servizz qed jinghata lil din id-dar u jghid li effettivament kien halla l-kuntratt ta' appalt li kellu f'idejn il-manager u li kien in segwitu jigi mistoqsi jaghmel diversi xogholijiet riparatorji u kien jithallas minghand id-Diretturi. Jghid li kien ihalli c-chit f'idejn ir-receptionist u sahansitra anke l-handyman tad-dar residenzjali kien jaghtih access billi jaghtih cavetta tal-lift biex ikun jista' jaghmel ix-xoghol rikjest minnu.  Qal li l-kuntatt tieghu kien ikun dejjem mal-manager tad-dar certu Henry St John. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-ecezzjoni tal-konvenuti Angele Falzon, Kirsten Buhagiar u Louis Buhagiar *de proprio* u tiddikjara li m'ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

Isegwi ghalhekk li din l-Qorti titratta l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta illum Care First Limited fejn fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta eccepiet li s-socjeta' Care Services Limited ma tezistix u dan ghaliex l-isem tas-socjeta' gie mibdul fit-12 ta' April, 2013 u llum is-socjeta' hija maghrufa bl-isem Caring First

Limited. Illi din l-eccezzjoni llum giet sorvolata minhabba l-korrezzjoni li saret fl-atti nhar it-18 ta’ Gunju 2013 (fol. 8) u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Isegwi ghalhekk li din il-Qorti titratta t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta illum Care First Limited u appuntu l-ecezzjoni ulterjuri taghha kifipprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-22 ta’ Ottubru 2014 fejn eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-**Artikolu 2148 (a) u 2156(f) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jinghad li l-**Artikolu 2148 (a)** jipprovdi s-segwenti:-

*“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’*

*tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu”.*

Filwaqt li l-**Artikolu 2156(f)** jipprovdi s-segwenti:-

"*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-*

*ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*.”

Issa mill-provi akkwiziti jidher li s-socjeta’ attrici kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta’ konvenuta dwar servizz u manutenzjoni ta’ lifts fil-proprjeta’ taghha fil-fond Casa Serena f’San Pawl il-Bahar. Ghalhekk semmai hija din il-preskrizzjoni li tista’ tkun applikabbli jekk ikun il-kaz.

Is-socjeta’ attrici pprezentat il-kuntratt a fol. 11 immarkat bhala Dok. Z li a bazi tieghu hija kienet ghal zmien twil taghti servizz lis-socjeta’ konvenuta. Skond ix-xhieda ta’ Victor Camilleri huwa kien ha dan il-kuntratt ghand is-socjeta’ konvenuta u kien biss wara certu zmien li s-socjeta’ konvenuta kienet taghtu lura dan il-kuntratt iffirmat. Jghid li wara li dan il-kuntratt kien gie ffirmat huwa beda jiehu xoghol minghand is-socjeta’ konvenuta ghal zmien konsiderevoli. Jinghad li dan il-kuntratt kellu l-bidu tieghu fl-10 ta’ Mejju 2002. Jidher minn ezami tad-diversi invoices esebiti fl-atti li in effetti s-socjeta’ konvenuta kienet titlob is-servizz tas-socjeta’ attrici tul medda ta’ zmien u kien biss meta nbidel il-manager taghha cioe’ minn Henry St. John ghal Emmanuel Grech li s-sitwazzjoni ma bagqhetx l-istess u l-kuntratt tas-socjeta’ attrici kien gie terminat. Dan hu kkonfermat ukoll mid-dokument esebit minn Angele Falzon immarkat bhala Dok. PM (fol 117) minn fejn jirrizulta d-diversi spezzjonijiet li ghamlet is-socjeta’ attrici meta tat servizz lis-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ konvenuta tghid li hija ma tirrikonoxxix dan il-kuntratt u ma taf xejn dwaru u li fuqu ma hemm l-ebda firma tad-dirigent taghha pero’ ma jirrizultax li hija qatt hadhet xi pass legali sabiex dan il-kuntratt jigi dikjarat null u bla effett u lanqas ma jidher li effettivament hija kienet qed tibbaza s-servizz

taghha li kienet tiehu mensilment a bazi ta' xi kuntratt iehor u dan ghaliex fl-ebda stadju ma pprezentat xi dokument iehor li kien jorbot lill-kontendenti. Angele Falzon fix-xhieda taghha tikkonferma li kellha relazzjoni lavorattiva mas-socjeta' attrici u li in effetti meta xtaqet tittermina din l-istess relazzjoni kienet kitbitlu u taghtu terminu ta' xahar fejn qaltlu li ma kinux ser juzaw is-servizz taghhom aktar (vide fol. 114). Tghid li kienet baghtitlu email ghalkemm kopja ta' din l-email ma zammitx. Jidher ukoll li bejn il-kontendenti kien hemm *an on going service* u fil-fatt is-socjeta' attrici ma kienitx tithallas dejjem fil-jum li tkun tat is-servizz ghalkemm jirrizulta li kien hemm diversi kontijiet li ma kienux kontestati li gew imhallsa. Zgur ghalhekk li bejn il-partijiet kienet tezisti relazzjoni kuntrattwali u ghalhekk hu applikabbli semmai d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2156 (f) ghar-rigward il-preskrizzjoni u mhux dik skond l-Artikolu 2148 (a) ta' l-istess Kap 16.

Issa minn ezami tal-invoices esebiti li huma in kontestazzjoni jidher li s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€10,781.82) skond l-invoices esebiti minnha tramite x-xhud Victor Camilleri nhar it-18 ta' Gunju 2013 u dawn huma datati bejn il-perjodu tat-2 ta' Settembru 2007 u s-26 ta' Gunju 2009. Jidher li entro l-perjodu ta' hames snin is-socjeta' attrici kienet ipprezentat ittra ufficcjali nhar is-7 ta' Mejju 2012 (fol. 162) liema ittra giet notifikata lis-socjeta' konvenuta nhar il-11 ta' Mejju 2012. Ghalhekk din l-eccezzjoni zgur ma tirrizultax provata u qieghda tigi respinta.

Fil-mertu s-socjeta' konvenuta stqarret li hija hallset il-pendenzi taghha u li ghalhekk m'ghandha x'taghti xejn. Is-socjeta' attrici ressqet lid-direttur taghha Victor Camilleri u dan ikkonferma li l-invoices esebiti minnu fl-ammont

imsemmi fir-rikors promotur ghadhom pendenti u mhux imhallsa. Ghalhekk kienet is-socjeta' konvenuta li kellha tipprova li sar il-pagament kif eccepit minnha.

Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha datata 20 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet "**Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja**" qalet:

*"Illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jaghmel dan mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali"* (Ara **"Av. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe"**, Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; **"Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe,"** Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Kif jinghad mill-***Phipson*** **"On Evidence"**, (11th Edition, para 103) "*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case*".

*Inoltre*, kif qalet dik l-istess Qorti fil-kawza "**Seychell noe vs Gabriele**", deciza fid-29 ta' Lulju, 1982 mhux biss li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, izda, *"jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur"* (ara wkoll "**Cassar vs Agius**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 1924, "**Scicluna vs Scerri**", deciza mill-istess Onorabbli Qorti fid-19 ta' Novembru, 1951, u "**Grech vs Nmj Ltd**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Jannar 2004).

Illi fil-kaz in ezami s-socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha stqarret li hija m'ghandhiex pendenzi mas-socjeta' attrici pero' meta resqet il-provi taghha

ma resqet l-ebda prova sabiex turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament ghamlet il-pagament dovut. Ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar il-prestazzjoni tax-xoghol li effettivament sar u dan ghaliex fir-rigward in-natura tas-servizz ma jinghad xejn mis-socjeta' konvenuta. Inghad biss li hija hallset. Kien ghalhekk jispetta lilha li tressaq prova tal-pagament li sar. Angele Falzon esebiet il-mamma ta' cekk li permezz tieghu allegatament ghamlet xi pagament lis-socjeta' attrici pero', ic-cekk ma giex esebit u lanqas ma gie esebit l-invoice li hija hallset permezz ta' dan l-allegat pagament u esebiet ukoll statement tad-diversi pagamenti li ghamlet matul is-snin pero' f'dan l-istatement ma hemm l-ebda referenza ghall-invoices li s-socjeta' attrici qed tirriklama.

Jinghad li l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta fit-trattazzjoni tieghu jghid li una volta s-socjeta' konvenuta hallset numru ta' invoices li kienu datati wara dawk in ballo allura dan ifisser li bilfors li l-invoices antecedenti thallsu. Bir-rispett kollu dan mhux ragunament u ghalhekk din id-difiza qed tigi respinta.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, s-socjeta' konvenuta ma pprovatx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija verament hallset dak dovut minnha.

Illi m'hemmx dubju li huwa minnu li s-socjeta' konvenuta hija kreditrici tas-socjeta' attrici fl-ammont deciz permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Talbiet iz-Zghar, liema ammont illum huwa cert u likwidu pero' din il-Qorti ma tistax tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirriduci din is-somma peress li fl-atti m'hemm l-ebda kontro-talba.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tillibera mill-osservanza tal-gudizzju l-konvenuti de proprio Angel Falzon, Louis Buhagiar u Kristen Buhagiar qieghda wkoll tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta b'dan illi qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€10,781.82).**

**Bl-ispejjez kollha salv dawk li jirrigwardaw il-konvenuti de proprio kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax dovuta fuq is-somma likwidata mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali esebita fl-atti u fir-rigward tal-ispejjez konnessi mal-konvenuti de proprio dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------